MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tal-5 ta' Settembru, 2005

Numru 62/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Trevor Sammut)**

**Vs**

Carmel Penza

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-imputat Carmel Penza ta' karta ta' identita' numru 9855(M), akkuzat talli:

Nhar il-10 ta' Gunju 2004 ghal habta tad-9:30 a.m. volontarjament ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor u cioe' kkawza hsara b'daqqa ta' sieq lill-karozza tat-tip Citroen Xantia li ggib in-numru TFH793 ghad-dannu ta' Mario Aquilina (ID:562855M), liema hsara tammonta ghal valur ta' Lm281.78, dan bi ksur tal-Artikolu 325(1b) tal-Kapitolu 9, tal-Ligijiet ta' Malta;

Fl-istess data, hin u cirkostanzi kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat, storbju u/jew glied.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema' sommarjament, mhux opposta.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet lill-imputat fl-udjenza tal-lum jirregistra ammissjoni fl-liema ppersista anka wara li l-Qorti taghtu zmien jikkonsidra.

Rat li l-imputat mhux biss baqa ferm fuq l-ammissjoni izda wkoll irrisarcixxa d-danni lill-parti leza.

Ikkonsidrat:

Illi l-Qorti tqis inutili li tidhol fil-meritu gia la darba hemm mhux biss l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tal-imputat, izda wkoll ir-risarciment tad-danni da parti tieghu.

Rigward il-piena u tenut kont ta' dak appena nghad, wara li rat l-Artikolu 325(1b) issibu hati ta' l-ewwel imputazzjoni, tilliberah mit-tieni li ma rrisultax, u tilliberah fil-konfront ta' l-ewwel imputatazzjoni bl-applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kap 446 li ma jikkommettix reat iehor ghal sitt xhur mill-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------